**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 490/97

Enzo Lia
vs
Direttur Generali tax-Xogholijiet

Illum 11 ta' Dicembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta

Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 kif spjegat aktar 'l isfel ir-rikorrent gie mcahhad minn promozzjoni ghal grad ta' Technical Officer 1 mad-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Il-fatti fil-qosor kienu dawn:

Ir-rikorrent kien jifforma parti mill-"Mapping Unit" tad-Dipartiment tax-Xogholijiet minn meta dan il-Unit gie mwaqqaf f'nofs is-sena 1989. Fost id-dmirijiet tieghu kien jiehu hsieb jorganizza x-xoghol u jaghmel il-preparamenti mehtiega biex isiru l-mapep u biex dawn ikunu ta' kwalita' tajba u xoghol tekniku iehor. Ha hsieb ukoll il-kitba tal-*Mapping Operations Handbook"* li kellu jservi bhala gwida ghall-uzu tal-mapep ghad-Dipartimenti u l-Korporazzjonijiet. F'dan iz-zmien akkwista esperjenza u qatt ma kellu ilmenti dwar xogholu jew kondotta.

Fl-14 ta' Awissu 1990 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet (Memo 135/90) ghall-post ta' Technical Officer I (Mapping Operations Team Supervisor) fid-Dipartiment tax-Xogholijiet (Dok A).

Ir-rikorrent applika fit-termini tas-sejha ghall-applikazzjonijiet b'ittra datata 31 ta' Awissu 1990 (Dok B).

B'ittra datata 4 ta' Jannar 1991 gie mitlub biex jidher quddiem il-Bord ta' l-Ghazla fit-18 ta' Jannar 1991 (Dok C).

Meta hareg ir-rizultat ta' l-ghazla ghalkemm ir-rikorrent irrizulta li kien ghadda kien inghata biss 54 marka minn massimu ta' 100 marka. Kienu applikaw u qaghdu ghall-interview 8, wiehed wehel u seba l-ohra ghaddew. Ir-rikorrent gie gradwat is-seba' fl-ordni tal-meritu.

Originarjament kellhom jinhatru tlett technical Officers I pero' spiccaw gew mahtura erbgha. Minn dawk li gew mahtura tnejn biss kienu jaghmlu xoghol bhar-rikorrent u kienu bdew jaghmluh ftit warajh. It-tnejn l-ohra ma kienux jaghmlu l-istess xoghol.

Illi r-rikorrent deherlu li kien kwalifikat bizzejjed biex ikun wiehed minn dawk li gradwaw fl-ewwel erba' postijiet u inghataw il-promozzjoni u li konsegwentement garrab ingustizzja fit-termini ta' l-artikolu 6(1) ta' l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kif jispjega ahjar u jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din ir-rikors.

Illi b'konsegwenza diretta tan-nuqqas li jinghata l-hatra ta' Technical Officer I, apparti t-telf finanzjarju u s-seniority li tilef, ir-rikorrent gie mcahhad minn opportunitajiet ta' promozzjoni. Hekk wara sejha ghall-applikazzjonijiet (MPO Circular 5/97) mahruga fid-29 ta' Jannar 1997 ghall-hatra ta' Operations Manager (Drawing Office) fil-Building and Engineering Department tal-works Division tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, (dokument F) ir-rikorrent applika regolarment (Dokument H), pero' b'ittra datata 26 ta' Mejju 1997 (Dokument J) gie nfurmat li l-applikazzjoni tieghu ma setghetx tigi konsidrata minhabba li ma kienx jissodisfa il-kriterji tas-sejha ghall-applikazzjonijiet, u senjament minhabba li ma kellux grad ta' Technical Officer I li fil-frattemp bir-rijorganizzazzjoni kien gie assimilat fil-grad ta' Senior Technical Officer.

Ir-rikorrent hass li anke f'dan ir-rigward sofra ingustizzja fit-termini tal-ligi.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u konsegwentament jordna li jinghata dik il-hatra jew dawk il-hatriet b'effett mid-data li l-istess Tribunal joghgbu jistabilixxi u/jew li jaghti kull rimedju iehor skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji inkluz il-hlas ta' kumpens ghat-telf finanzjarju imgarrab b'konsegwenza ta' l-ingustizzji maghmula mieghu.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:-

Illi r-rikorrent gie impjegat fil-grad ta' skrivan b'effett mit-18 ta' Novembru 1986. Hu gie promoss ghal grad ta' Works Technical Officer fl-24 ta' Ottubru 1988. Fl-1 ta' Jannar 1991 permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku, ir-rikorrent gie assimilat fil-grad ta' Technical Officer, kariga li ghadu jgawdi sal-lum.

Illi mid-dokumenti li jippossjedi d-Dipartiment jirrizulta li r-rikorrent kien applika ghas-sejha Numru 135/90 datata 14 ta' Awwissu 1990 ghal kariga ta' Technical Officer I. Ghal din is-sejha applikaw tmienja u r-rikorrent bil-54 marka li kiseb irrenda ruhu fis-sebgha post. Minn dawn gew effettivament irrakomandati erba' li sussegwentament gew mahtura.

Illi r-rikorrent ma giex minn ta quddiem bizzejjed biex ikun wiehed mill-maghzulin peress li n-numru rikjest kien limitat.

Illi l-Bord ta' selezzjoni ma ghamel l-ebda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita a skapitu tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li fl-1989 kien impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fil-Projects Division fejn kien assenjat fuq xoghol f'Dar il-Mediterran ghall-Konferenzi biex tigi restawrata wara li nhakmet minn nirien. Semma li kien gie mistoqsi mill-perit Joseph Fenech Conti biex jinghaqad mieghu fil-Unit li kien fil-process li jwaqqaf. Il-Perit Fenech Conti kien qallu li kien qieghed ifittex draughtsman biex iwaqqaf il-Mapping Unit fl-istess dipartiment. F'April / Mejju ta' l-1989 fuq talba tal-Perit Fenech Conti gie trasferit fl-ufficju gdid tal-Mapping Unit. Kelli sehem importanti biex is-software demeter li kellu jintuza fl-

ufficju, jigi **debugged.** Dan is-software kien miktub minn kumpanija franciza biex jilhaq il-bzonnijiet ta' l-ufficju u ghal diversi gimghat kien qatta hinijiet twal wara l-hin tax-xoghol [bla ebda kumpens] mal-konsulent franciz biex jghinu jaghmel dan id-**debugging.**

Meta l-ufficju beda jopera b'sistema ta' zewg shifts beda jiehu hsieb shift minnhom fejn kellu tlieta ohra. Joseph Degabriele u Joseph Magro Conti kienu jaghmlu fotogrammetrija fix-shift li kien imexxi hu. Ix-shift l-iehor kien jitmexxa minn Raymond Ebejer. Fost id-dmirijiet tieghu kien jiehu hsieb intella jew innizzel is-sistema tal-Computers **file system administration u plotting, ji**prepara l-**mapping operations handbook,** jipprepara u jikkalibra ritratti fi stereoplotters biex b'hekk tkun tista' tibda t-tpingija tal-mapep. Antonello Rizzo Naudi kien jaghmel fotogrammetrija fix-shift li kien imexxi Raymond Ebejer. Silvio Xuereb u Simon Meli kienu jaghmlu xoghol fuq barra - jivverifikaw il-mapep fuq is-sit.

Meta fl-14 ta' Awissu 1990 harget l-applikazzjoni ghall-postijiet ta' ufficjali Teknici fil-Unit, id-dmirijiet ta' dan il-grad kien ilu jwettaqhom ghal aktar minn sena u nofs. Antonello Rizzo Naudi kien jaghmel biss stereo plotting u ma kienx jaghmel ix-xoghol bhalu. Xahar qabel il-hrug tal-promotions pero' bdew jghallmuh jaghmel ix-xoghol taghhom Raymond Ebejer u Alex Mifsud. Joseph Magro Conti kien jaghmel biss Stereo plottings qabel il-promotion u baqa' jaghmel l-istess xoghol anke wara li ha l-promotions.

Xehed li kwalifiki ghandu daqs jew aktar minn dawk kollha li applikaw. Sostna li dejjem hadem hafna u dan gie rikonoxxut kemm il-darba mis-superjuri tieghu bhal fl-ittra tal-Perit Vincent Cassar datata 23 ta' Jannar 1992 fejn baghatlu kopja ta' ittra ta' ringrazzjament li rcieva minghand il-konsulent ingliz ta' l-MSU ghax-xoghol li r-rikorrent kien ghamel fuq l-Autocad fit-twaqqif tal-post taghhom f'Gattard House. Inghata wkoll certifikat ta' rikonoxximent ghall-hidma specjali fis-Servizz Pubbliku.

Semma li fuq l-apparat tal-mapping unit, l-applikanti kollha kienu fl-istess kundizzjoni ghalkemm hu, Raymond Ebejer u Joseph Degabriele kienu l-aktar li hadmu f'dak il-unit.

Irrefera ghall-kandidati l-ohra u specifikament ghax-schedule of Applicants:

Dwar **Raymond Ebejer** semma li dak li jissemma bhala 4 month course in supervision and management kien in house course. Dan jissemma darbtejn billi jerga jirreferi ghalih bhala certificate in Supervision and Management. Ghalhekk l-istess kwalifika giet mghaduda darbtejn.

Il-Building Tradesman Journeyman's Certificate huwa certifikat ta' bennej li huwa inferjuri ghac-certifikat tieghu bhala Architect's Assistant. Esebixxa certifikat tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni li juri li c-certifikat ta' Architect's Assistant huwa fi grad ghola minn dak ta' Building Tradesman (Dokument O). Ghandu wkoll 4 GCE's u

Matrikola f'livell ordinarju. Ir-rikorrent ghandu izjed ukoll. B'kollox inghata 19 il-marka minn 20.

Dwar **Joseph Degabriele** dan ghandu biss 2 certifikati f'livell ordinarju, certifikat tal-bennejja u in house course ta' 4 xhur f'supervision and management. Minkejja dan inghata 19 il-marka minn 20.

Dwar **Antonello Rizzo Naudi** dan ghandu l-Architects Assistant and Draughtsman course (bhal ma ghandu r-rikorrent), 6 certifikati f'livell ordinarju u matrikola f'2 suggetti f'livell ordinarju u iehor livell avvanzat. Jinghad ukoll li kien jaghmel xoghol ta' Photogrammetric Operator u trenjat fil-calibration and restitution of strereoscopic models. Dan ix-xoghol fil-unit kienu jaghmluh. Hu kien baqa' jaghmlu bhala rutina. Ir-rikorrent kien waqaf jaghmlu minhabba doveri superjuri. Dan ukoll inghata 19 il-marka minn 20.

Dwar **Joseph Magro Conti** semma li ghandu 9 certifikati f'livell ordinarju u 3 f'livell avvanzat (wiehed minnhom surveying). Ghandu Architects Assistant and Draughtsman course u Building Inspector's course. Dan inghata 19 il-marka minn 20.

**Ir-rikorrent** kellu l-Architect's Assistant and Draughtsman course, 7 certifikati f'livell ordinarju (wiehed minnhom surveying) u 3 matrikola f'livell ordinarju. Fil-mapping unit kien jaghmel photogrammetric duties, kalibrazzjoni ta' mudelli stereoscopici: orginazazzajt il-mapep 1:1000 u 1:25,000 (din ta' l-ahhar wahdi): Ghamel **system administration** u prepara il-**hand book** biex

jintuza mill-unit bil-ghan li dan jitqassam fid-dipartimenti biex ikunu jistghu jinterpretaw il-mapep ta' l-ufficju. Inghatajt biss 11 il-marka minn 20.

Anke Anthony Bezzina (li ma ghaddiex) inghata marki aktar minnu (13 minn 20) minkejja li huwa ovvju mad-daqqa t'ghajn ukoll li l-kwalifiki tieghu kien ferm inferjuri ghal tar-rikorrent.

In kontro-ezami r-rikorrent xehed li l-mapping unit kienet giet organizzata fl-1989 u precizament f` April, Mejju ta` din is-sena. Xi sena wara harget l-applikazzjoni ghal Technical Officer 1. Hu sostna li Raymond Ebejer li gie l-ewwel kien kwalifikat anqas minnu. Ebejer kien dahal jahdem flimkien mieghu, mhux senior tieghu.

Il-Perit Vincent Cassar Direttur Generali tax-Xogholijiet xehed li jaf lir-rikorrent u li dan kien jahdem fid-drawing office u qabel kien jahdem fil-planning. Kellu kuntatt mieghu fuq ix-xoghol, pero' ma kienx jahdem direttament mieghu. Il-kwalita tax-xoghol tieghu bhala output jafu tajjeb u ma kellux adverse comments fuqu. Dwar kif hu imur ma shabu qatt ma kellu complaints. Semma li r-rikorrent kien qieghed in charge mill-bicca xoghol tal-computerisation tad-drawing office u dana ifisser li kien jiehu hsieb anke l-upkeep tieghu. Dan jinvolvi ko-ordinazzjoni ma draughtsman ohrajn li hemm bejn hmistax u ghoxrin ohra. Irid izomm trace tad-drawings li inkunu qeghdin naghmlu, l-printing ta' dawn li qed isir. Dan ix-xoghol dejjem ghamlu sodisfacenti u b'mod professjonali.

Ikkonferma zewg kazijiet fejn kellu dead-lines iebsin, wahda minnhom tal-kaz tas-sit tat-Teatru l-Irjal l-imwaqqa li fil-fatt kien hadem fuqu b'dead-lines iebsa u aktar u aktar fil-kaz tal-Isptar tas-San Raffaele fejn hadem hafna wara l-hin b'dead-lines iebsa u xorta wahda hu irnexxilu izomm mal-hinijiet u ipprezenta x-xoghol tieghu kollox kif suppost fiz-zminijiet rikjesti. San Raphaele x-xoghol kien wiehed li jrid jitlesta fi zmien qasir b'mod efficjenti u b'mod tajjeb u kien hu stess li iddecida li x-xoghol in kwistjoni jigi assenjat proprju lilu.

Il-Perit Ray Farrugia d-Direttur tal-Building and Engineering Department xehed li jaf lir-rikorrent u ilu jafu minn Awissu tan-1995. Stqarr li r-rikorrent jikkopera hafna fix-xoghol u hu ghandu kariga ferm importanti fis-sens li ghandu f'idejh il-computerisation tad-Design Unit u ghalhekk hija kariga importanti u hu dejjem sabu illi jghin hafna fix-xoghol. Ippreciza illi l-kariga tieghu hija ta' system administrator. Semma li f'diversi aspetti r-rikorrent ghandu performance tajba hafna u x-xoghol tieghu jaghmlu dejjem tajjeb u hu kuntent bil-performance tieghu. Qal li lir-rikorrent jafu jahdem fuq il-progett tal-habs, kif ukoll fuq il-parks nazzjonali. Tant hadmu tajjeb t-team fejn kien ir-rikorrent illi fil-fatt kienu gew nominati u anke rebhu l-premju tal-progett li jaghti l-Gvern, l-award li jaghti l-Gvern fis-sena. Jahdem f'team u jikkommunika ma shabu tajjeb.

Anthony Zammit senior principal fid-Dipartiment tax-Xogholijiet u addett mis-salarji esebixxi document – breakdown tas-salarju tar-rikorrent li kieku kien appuntat Tech Officer I fl-1991. Id-differenza kienet tammonta ghal LM2300 sal-1/1/99.

Alexander Mifsud inginier Professional Officer 1 semma li kien chairman ta’ selection board meta kien hemm Enzo Lia, ghall-promozzjonijiet f’ technical grades. Dan kien bord imqabbad mill-Public Service Commission. Lir-rikorrent kien jafu fuq livell ta’ xoghol minhabba li kien jahdem tahtu. Iddeskrivih bhala bniedem kapaci u inteligenti pero` jkun hemm problemi ta’ teamwork man-nies li jahdmu mieghu. Qal: “Fl-interview ahna konna anke hadna in konsiderazzjoni l-fatt ta’ kif persuna applikant tkun tista’ tahdem f’team…Ix-shift fejn kien jahdem hu kien ikollna problemi ta’ nuqqas ta’ ftehim bejn il-peruni li jkunu qieghdin jahdmu. Infatti kien hemm il-kollegi ta’ madwaru li kienu jsibu diffikulta’ kif jaqsmu x-xoghol b’mod ekwu mieghu.” Ma setax jiftakar min ilmenta mir-rikorrent, u l-ebda issue partikolari li kienet qamet. Zied: “Inzid nghid li fir-rapport tieghi mieghu dirett gieli certu affarijiet ghidtlu biex ma jaghmilhomx u hu xorta wahda ghamilhom. Fil-fatt jiena kont ghidtlu biex ma jaghmilx xoghol fuq plotter ghal xoghol barrani pero` ftit ta’ zmien wara skoprejt li dan kien ghamlu. Mistoqsi dwar jekk hemmx il-possibbilta` li dan ix-xoghol ta’ plotting kienx sar is-Sibt u li r-rikorrent kellu l-permess ta’ Joseph Fenech Conti u li kien ghamlu b’ materjal privat tieghu nirrispondi li jiena ma nistax niftakar il-gurnata preciz minhabba li kienu jahdmu by shift u ghalhekk huwa difficli tiftakar.” Ir-rikorrent kien dispost anke li joqghod wara l-hin tax-xoghol biex jaghmel xogholu anke sa nofs il-lejl specjalment meta kien hemm il-kaz tal-Francizi. Qatt ma kellu lmenti dwar il-kwalita’ tax-xoghol tieghu.

Ir-rikorrent riferibbilment ghall-incident li semma Alexander Mifsud dwar il-kwistjoni tal-uzu tal-plotter xehed li kellu l-permess tal-Perit Joseph Fenech Conti li kien il-kap tas-sezzjoni. Xehed ukoll li problemi fit-teamwork qatt ma kellu fis-sens li l-problemi li kien hemm kienu bejn it-team tax-shift l-iehor u t-team tax-shift fejn kien jahdem hu. Semma li fix-shift tieghu kien hemm tnejn li haduha l-promozzjoni u cioe` Joseph Magro Conti u Joseph Degabriele u ma kellux kwistjonijiet maghhom.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien applika ghall-post ta' Technical Officer I flimkien ma' sebgha ohra u gie klassifikat is-seba'. Dawn kollha kienu jahdmu f'dik is-sezzjoni. L-allokazzjoni tal-marki tirrizulta fuq pagna 43 tal-process fejn ghal Leadership skills, personality, ability to work with people, communicate clearly etc gew allokati 20 marka;
Experience in positions of responsibility 20 marka;
Technical Competence 40
Qualifications 20.

Hawn it-Tribunal bil-fors ikollu jaghmel numru ta' osservazzjonijiet dwar l-allokazzjoni generali tal-marki:

- F'ebda interview iehor mill-kawzi kollha li kellu quddiemu t-Tribunal ma kien hemm l-item "Ability to work with people, communicate clearly etc.";
- L-istess item fl-ittra a fol 40 li kienet r-rakkomandazzjoni tad-

Dipartiment lill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku addirittura poggiet dan l-item ghalih [flimkien ma' Personality] b'suggeriment li dan ikollu 10% tal-marki. Dan gie modifikat mill-imsemmija Kummissjoni b'mod li tnehha minn item ghalih u tqieghed flimkien ma' Leadership skills;

- Fir-rakkomandazzjoni originali qualifications kella biss 10% u wara saret 20%;

Hawn wiehed jibda ma joghgbuhx l-affarijiet specjalment meta jisma' lic-Chairman tal-Bord jixhed li kellu kwistjoni mar-rikorrenti dwar l-uzu tal-Plotter. Hu importanti li r-rikorrent xehed li kellu l-permess tal-kap tas-sezzjoni. Dan xehdu dak in-nhar stess u cioe' fl-istess gurnata li sema lil Mifsud jixhed fid-29 ta' Novembru, 2000 u cioe' ma kellux zmien biex jara kif jirranga din il-problema.

It-Tribunal pprepara din l-iskeda ghal skopijiet komparattivi:

| ***Kandidat*** | ***Klassi Fikat*** | ***Total Marki*** | ***Kwali fiki*** | ***A/O Levels*** | ***Matri kola O*** | ***Matri kola A*** | ***Ohrajn*** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |
| Ebejer Raymond | 1 | 90 | 19 | O-4 | 1 | | Sup & Man Course, Bldg Tradesman Journeyman's Cert, Cert in Concrete & Agg Testing |
| Degabriele Joseph | 2 | 88 | 19 | O-2 | | | Sup & Man Course, Cert tal-Bennejja, Int Course in Cartography |
| Rizzo Naudi Antonello | 3 | 82 | 19 | O-6 | 2 | 1 | Arch Ass & D Course |
| Magro Conti Joseph | 4 | 80 | 19 | A-3, O-9 | | | Arch Ass & D Course, Bldg Ins Course |
| Xuereb Silvio | 5 | 70 | 15 | O-5 | 2 | 1 | Arch Ass & D Course, Course in Interior Design |
| Meli Simon | 6 | 55 | 15 | O-6 | | | Arch Ass & D Course, , Course in Interior Design |
| **Lia Enzo** | **7** | **54** | **11** | **O-7** | **3** | | **Arch Ass & D Course** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bezzina Anthony | 8 | 43 | 13 | A-1, O-9 | | | Cert in typing, Computer Aided Drafting |

Meta wiehed jezamina l-allokazzjoni tal-marki lir-rikorrent wara li wiehed janalizza l-iskeda ta' hawn fuq bil-fors jinnota li l-marka li giet moghtija lir-rikorrent ghall-kwalifiki hija zbaljata u missu inghata 19 jew ghoxrin. Kif setghu qatt l-ewwel tnejn klassifikati jinghataw 19 il-marka u r-rikorrent 11; jidher car li min kien responsabbli ha zbalji kbar hafna. Dan juri car li kien hemm apprezzament hazin tas-sitwazzjoni b'mod li l-ewwel tnejn gew manifestament u ingustament mghejjuna waqt li r-rikorrent kien svantaggat.

Dan ikompli jidher mix-xhieda ta' Mifsud li ghalkemm iddeskrivih bhala bniedem kapaci u inteligenti semma li r-rikorrent kien ikollu problemi ta' teamwork man-nies li jahdmu mieghu, kif ukoll semma l-kaz tal-uzu tal-plotter. Issa dawn il-problemi ta' teamwork ma irrizultaw minn hadd iehor, anzi x-xhieda l-ohrajn qalu l-oppost. Milli jidher anke meta kienu gew draftjati l-kriterji ghall-allokazzjoni tal-marki gja kien hemm dan il-hsieb u hawn it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li ntqal fuq.

Il-kompetenza teknika tar-rikorrent giet rikonoxxuta anke mill-Bord li addirittura poggih l-ewwel fl-allokazzjoni tal marki ghal din is-sezzjoni. It-Tribunal bil-fors ihossu imgieghel jirrimarka kif bniedem li kien imexxi s-shift setgha jinghata 5 marki biss ghal experience in positions of responsibility meta min kien jifforma parti kien inghata 20 u ghalhekk hawn ukoll l-marka tar-rikorrent

trid tigi modifikata wkoll. U jekk ma kienx ovvju x'gara fl-allokazzjoni tal-marki ghandna l-allokazzjoni ta' 3 marki biss lir-rikorrent dwar leadership skills, personality, ability to work with people, communicate clearly etc. Tlieta mill-ohrajn inghatw 15, wiehed 14, wiehed 12, u tnejn 5. U kif inhi li allura l-Periti Vincent Cassar u Ray Farrugia ma qalu xejn fuq dan l-aspett fuq ir-rikorrent! Dawn apprezzaw il-kwalitajiet tieghu minghajr ma esageraw. It-Tribunal ihoss li ghall-anqas ir-rikorrent kien haqqu l-aktar marka baxxa minn dawk li gabu marka ragjonevoli u cioe' 12.

Dan itella' t-total ghal 12+20+35+19 u cioe' 86 li jpoggi lir-rikorrent fit-tielet post.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' ta-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Technical Officer I b'effett mill-istess data li fiha gew appuntati l-ohrajn, u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.